MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 198/2013

**Mobisle Communications Ltd**
**(C 24655)**

**vs**

**Iruela Alfaro Sergio**
**(ID 61380A)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar id-9 ta’ Lulju 2013 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ erbat elef, mija u hmistax-il Euro u sitta u tletin centezmu (€4,115.36) rapprezentanti servizz tat-telefon cellulari bin-numru 79676451 kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kfi deskritti fl-avviz, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali 2128/12 u bl-imghax mit-28 ta’ settembru 2012

sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi, fid 19 ta’ Novembru 2013, saret l-affissjoni gewwa l-Kunsill Lokali, Gzira, l-Ghassa tal-Puluzija gewwa Gzira u fl-indirizz ta’ l-intimat (fol 14 tergo), saret il-pubblikazzjoi fil-Gazzetta tal-Gvern fis 26 ta’ Novembru 2013 (fol 15) u fit-Times of Malta fit 2 ta’ Jannar 2014 (fol 18).

Illi fis-seduta tas-17 ta’ Jannar 2014 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 20).

Rat illi fis-seduta tal-20 ta’ Jannar 2014 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbat elef, mija u hmistax-il Euro u sitta u tletin centezmu (€4,115.36) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------